# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)

## MAĠISTRAT DR. LEONARD CARUANA LL.D., M.A. (FIN. SERV)

Rikors Nru: 253/2020 LC

**JOSEPH BORG**
**EZERĊITANTI L-KUMMERĊ BL-ISEM "A J ELECTRIC"**
(K.I. 136547M)

*vs*

**AMF CONTRACTORS LIMITED**
(C-14955)

**Illum, 19 ta' Novembru 2021**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ippreżentat minn Joseph Borg, eżerċitanti l-kummerċ bl-isem "A J Electric" datat is-17 ta' Diċembru 2020 fejn talab lil dina l-Qorti tikkundanna lis- s-soċjetà intimata tħallsu s-somma ta'  disat elef, sitta u sebgħin Ewro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€9,076.73) rappreżentanti l-prezz ta' diversi oġġetti mixtrija u kkonsenjati lis-soċjetà intimata mingħand ir-rikorrent u dan skont ma jirriżulta ampjament mill-istatement tar-rikorrenti, anness mar-rikors u mmarkat bħala dok "A". Ir-rikorrenti talab ukoll l-imgħax legali kalkolabbli mill-24 ta' Ottubru 2019, data ta' l-aħħar konsenja, sal-ġurnata tal-effettiv pagament u bl-ispejjeż kompriżi dawk ta' żewġ ittri legali mibgħuta lis- s-soċjetà intimata, tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju ppreżentat kontestwalment mal-preżenti, kontra s-soċjetà intimata, li minn issa kienet inġunta għas-subbizzjoni tagħha.

Rat illi fis-seduta tal-04 ta' Marzu 2021, il-legali tas- s-soċjetà konvenuta ta ruhu b'notifikat bl-avviż tas-smiegħ u tal-kawża u qara nota ta' ammissjoni seduta stante, liema nota hija soġġetta għall-ftehim milħuq skont l-iskrittura annessa mal-istess nota, li abbażi tagħha għandha tingħata s-sentenza;

Rat illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif ppresjeduta nhar it-28 ta' Lulju 2021;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawza ġiet imħollja għal-lum għas-sentenza;

Ikkonsidrat;

Illi permezz tal-preżenti kawża, r-rikorrenti qiegħed jiltob lil dina l-Qorti tikkundanna lis-soċjetà intimata tħallas is-somma komplessiva ta' €9,076.73. Illi mill-istatement[1] ppreżentat mir-rikorrent mar-rikors promotur jirriżulta li dan l-ammont jikkonsisti fit-total ta' 34 fattura maħruġa bejn il-25 ta' Ottubru 2018 u l-24 ta' Ottubru 2019. Jirriżulta wkoll li fit-30 ta' Ottubru 2018, ir-rikorrenti ħareġ *credit note* fl-ammont ta' €30.18 a favur tas-soċjetà intimata.

Illi jirriżulta wkoll li r-rikorrenti ma rnexxilux jinnotifika lis-soċjetà intimata bl-avviż tas-smiegħ u r-rikors promotur bil-proċedura appożita u filfatt, il-legali tas-soċjetà intimata ta ruħu b'notifikat għan-nom tas-soċjetà intimata kif hawn fuq indikat.

Illi f'dik l-istess seduta, il-legali tas-soċjetà intimata ppreżenta ftehim[2], ossija Kostituzzjoni ta' Debitu, datat is-26 ta' Frar 2021, fejn ir-rappreżentanta tas-soċjetà intimata irrikonoxxiet l-ammont dovut u

[1] A fol. 2 tal-atti proċesswali.
[2] A fol. 13 tal-atti proċesswali.

obbligat ruħa li tħallas bir-rati kif hemm mifthiema. Il-Partijiet qablu wkoll li l-imgħax għandu jitħallas bir-rata ta' 8% mill-24 ta' Ottubru 2019, kalkolabbli a skaletta, sal-ġurnata tal-effettiv pagament. Illi finalment, il-Partijiet qablu wkoll li għandhom jitolbu l-Qorti biex tgħati sentenza f'dan is-sens, ċioè fis-sens tal-ftehim raġġunt bejniethom.

Illi din il-Qorti jidhrila li għalkemm il-prinċipju regolatorju fil-branka tal-kuntratti għandu jkun dak ta *pacta sunt servanda*, kif rifless fl-Artikolu 992(1) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, dan ma jfissirx li tali ftehim m'għandux jgħaddi mill-għarbiel tal-Qorti, partikolarment in vista tal-poteri li jagħti l-Artikolu 992(2) tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' għat-tħassir ta' kuntratt jekk, *inter* alia, jinstab li fih xi raġuni magħrufa fil-liġi għat-tħassir. Dawn ir-raġunijiet jinkludu, fost l-oħrajn, l-imposizzjoni ta' imgħax ogħla minn dak permessibbli mil-liġi[3] jew jekk il-kuntratt jikkontjeni kondizzjoni kuntrarja għall-għemil xieraq, jew għall-ordni pubbliku, jew li ipprojbita mil-liġi, jew illi ġġiegħel l-esekuzzjoni ta' haġa impossibbli.[4]

Illi minn eżami tal-kuntratt odjern, madanakollu, ma jirriżultax li hemm xi klawsola li tqanqal lill-Qorti sabiex tannulla l-ftehim jew tiċċensura xi kondizzjoni hemm kontenuta.

Illi waqt is-seduta tal-04 ta' Marzu 2021, il-legali tas-soċjetà intimata sottometta nota fejn għan-nom tal-patroċinati tiegħu ammetta għat-talbiet attriċi. Illi kif ġie ritenut mill-Qrati nostrani, ammissjoni da parti tas-soċjetà intimata hija l-awqa prova għall-konferma tat-talbiet attriċi. Illi kif ġie ritenut fis-sentenza **Sephora Mifsud vs Direttur tas-Sigurtà Soċjali**[5]:

> *"Bizzejjed wiehed ifakkar hawn illi, kif deciz, skond il-ligi tal-procedura, l-ammissjoni hija regina probationum u bizzejjed biex il-kaz jinghalaq. (Ara "**Carmelo Bonnici nomine -vs- Ronald Farrugia et**", Appell Civili, 26 ta' Ottubru, 1970)"*

[3] Ara b'eżemplari l-Artikoli 986(2) u 1852 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.
[4] Ara l-Artikolu 1054 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.
[5] **Sephora Mifsud vs Direttur tas-Sigurtà Soċjali**, Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), 25 ta' Frar 2015, (Appell Civili Numru. 5/2012).

Illi b'hekk, in vista ta dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tqis illi r-rikorrenti irnexxilu jipprova t-talbiet tiegħu sal-grad rikjest bil-liġi u li di piu, il-Partijiet għandhom jkunu regolati permezz tal-Kostituzzjoni ta' Debitu ffirmat minnhom stess nhar is-26 ta' Frar 2021.

**Decide:**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' t-talba tar-rikorrenti u tikkundanna lis-soċjeta' AMF Contractors Limited, tħallas is-somma ta'disat elef, sitta u sebgħin Ewro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€9,076.73) bil-mod miftiehem u bl-imgħax kalkolabbli skont il-ftehim datat is-26 ta' Frar 2021 u bl-ispejjez kemm tal-preżenti kif ukoll tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju a karigu tas-soċjetà intimata, skont kif ikkontrattat fl-imsemmi Kostituzzjoni ta' Debitu.

Dr. Leonard Caruana
**Maġistrat**